DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 20/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 69/2007 tal-15 ta' Ġunju 2007 [1].

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/585/KE ta' l-24 ta' Awwissu 2006 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibilità *online* ta' materjal kulturali u l-preżervazzjoni diġitali [2],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 13 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"7. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qafas ta' l-attivitajiet tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-Komunità li ġejjin:

— **32006 H 0585**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/585/KE ta' l-24 ta' Awwissu 2006 dwar id-digitizzazzjoni u l-aċċessibilità *online* ta' materjal kulturali u l-preżervazzjoni digitali (ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim [*].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 304, 22.11.2007, p. 53.
[2] ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28.
[*] L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.